**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Rikors Nru : 149/15 AL

**AB**

**vs.**

**Avukat Noel Bartolo u l-PL Madeline Firman sabiex jirraprezentaw lill-assenti CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-29 ta' Mejju 1999, hekk kif jirrizulta mill-estratt ta' l-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok. JS 1**;

2. Illi l-kontendenti minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

<u>Raguni tat-Talba</u>

3. Illi l-konvenuta irrendiet l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, ghal ragunijiet mahsuba fil-ligi, fosthom stante illi l-istess konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' abbandun ta' l-esponent, minghajr ma kellha ebda raguni taghmel dan.

4. Illi permezz ta’ digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti tat-30 ta’ Mejju 2015 (**Dok. JS 2**), fl-atti ta’ l-ittra ta’ medjazzjoni numru 807/15, gew mahtura u kkonfermati l-Avukat u Prokuratur Legali fuq imsemmija sabiex jidhru bhala kuraturi ta’ l-assenti konvenuta.

5. Illi permezz ta’ digriet iehor ta’ dina l-Onorabbli Qorti tal-5 ta’ Gunju 2015 (**Dok. JS 3**), l-esponent gie debitament awtorizzat sabiex jipprocedi bl-istanti.

Talab, ghar-ragunijiet fuq premessi, li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

***1.*** **TIDDIKJARA** u **TIPPRONUNZJA** id-divorzju bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta kif fuq spjegat u **TAWTORIZZA** lill-esponent jghix separatament minn ma’ l-intimata;

***2.*** **TILLIKWIDA** ammont adegwat ta’ manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenuta lill-esponent, filwaqt li **TORDNA U TIKKUNDANNA** lill-istess konvenuta sabiex thallas lir-rikorrent dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u **TORDNA** illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju taghha mill-impjieg jew xoghol jew kull dhul iehor li huwa ghandu jew jista’ jkollu; u **TIPPROVDI** dwar il-modalitajiet ta’ kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut kull sena;

***3.*** **TIDDIKJARA** li l-konvenuta ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-esponent;

***4.*** **TAPPLIKA** kontra l-konvenuta l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48, 51, 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sa fejn applikabbli, inkluza izda mhux biss l-komminazzjoni li titlef kull dritt li tiret mill-attur.

***5.*** **IXXOLJI** u **TILLIKWIDA** l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f’zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u **TASSENJA** porzjon lill-esponent u porzjon lill-konvenuta *ope sententiam*, u jekk okkorrendo jkun il-kaz tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jigu inkorporati l-effetti kollha ta’ kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

***6.*** **TIKKUNDANNA** lill-konvenuta sabiex tirrestitwixxi lill-attur fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilha prefiss minn din il-Qorti l-beni

kollha dotali u/jew parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u/jew jittiehed kont tal-valur taghhom fil-likwidazzjoni u apporzjonament tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija,okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, liema valur ghandu jitnaqqas mis-sehem spettanti lilha favur l-esponent fil-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija.

**BL-ISPEJJEZ** u bil-konvenuta minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Noel Bartolo u il-PL Madeline Firman, li permezz taghha eccepew :

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirrnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista ghandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk ghandha informazzjoni ohra, oltre dik diga provduta fir-rikors guramentat.

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Noel Bartolo u il-PL Madeline Firman;

Semghet lix-xhieda illi tressqu, rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Mejju 2016 fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur sabiex it-talba għal separazzjoni fil-kawża odjerna titqies bħala talba għal pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili[1].

**KONSIDERAZZJONIJIET**

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali, sostitwita b'kawża ta' divorzju, bejn ir-rikorrent u martu assenti minn Malta.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur minn fejn jirriżulta illi r-rikorrent talab *inter alia*, il-pronunċja tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta assenti.

Tirreferi wkoll għad-digriet tagħha tat-3 ta' Mejju 2016 fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur sabiex it-talba għal separazzjoni fil-kawża odjerna titqies bħala talba għal pronunzjament ta' divorzju.

Il-fatti f'din il-kawża qed jiġu kompilati mill-unika prova miġjuba, u cioe` d-deposizzjoni tal-attur fl-Affidavit tiegħu[2] fejn fil-qosor huwa xehed:

(a) Il-koppja iżżewġet fid-29 ta' Mejju 1999, kif jirriżulta wkoll miċ-ċertifikat taż-żwieġ innumerat 703/1999[3] meta huwa kellu biss dsatax-il sena u kien għadu joqgħod għand ommu;

(b) Xi xahar wara li żżewġu, huwa mar għax-xogħol u meta ġie lura lil Naima ma sabhiex iktar id-dar.

(c) Minn dakinhar ma semax b'aħbarha u baqa' qatt ma raha. Lanqas hi ma pprovat b'xi mod tikkomunika miegħu.

(d) Miż-żwieġ ma twieldux tfal;

(e) Bejn il-koppja, la hemm propjeta` komuni u lanqas hemm djun.

## PRINĊIPJI LEGALI

Mir-rikors promotur jirriżulta illi l-attur jibbaza l-azzjoni tiegħu għas-separazzjoni minn ma' martu fuq l-abbandun. L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

---

[2] Fol. 24 tal-proċess

[3] Fol. 5 tal-proċess

***41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.***

Kemm miċ-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn: l-ewwel illi l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża Andrea Avellino vs. Regina Avellino,[4] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kritrerji, fejn intqal: *"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli."*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe.[5] fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."*

Il-firda personali motivata mill-abbandun ġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi f'każ ta' abbandun (kif ukoll f'każ ta' adulterju) huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[6];***

[4] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.
[5] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.
[6] L-artikolu 321 u 632 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Rigward it-talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju.

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju il-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[7]

<u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL- KAŻ ODJERN</u>

Illi m'hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-abbandun tal-konvenuta sia mid-dar konjugali u wkoll mir-rikorrenti. L-abbandun tagħha huwa wieħed li jinkwadra sewwa fil-kriterji li ġew elaborati iktar 'il fuq u cioe:

1. L-abbandun dam iktar minn sentejn. Jirriżulta illi l-intimata telqet mid-dar matrimonjali lejn l-aħħar ta' Ġunju 1999 u baqgħet sal-lum

[7] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

qatt ma rritornat. Għalhekk ilha nieqsa għal iktar minn sbatax-il sena u konsegwentement temerġi kjarament l-intenzjoni żgura u ferma tal-intimata li ma terġax tmur tgħammar mar-rikorrenti.

2. L-abbandun ma kienx ġustifikat. Mix-xiehda tal-attur jirriżulta li ma kien hemm l-ebda raġuni valida biex iwassal lill-intimata titlaq mid-dar taż-żwieġ. Din ix-xiehda ma ġiet bl-ebda mod kontraddetta.

Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi msejsa fuq l-abbandun hija ġustifikata u għalhekk l-ewwel talba attriċi qed tiġi akkolta.

Bħala konsegwenza, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-intimata l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tagħha l-intimata ddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment mingħand l-attur u wkoll li hija tilfet kull dritt illi tiret lill-attur.

Dwar it-talba tal-attur li jipperċepixxi manteniment mingħand l-intimata, ma nġiebet l-ebda prova dwar l-introjtu taż-żewġ partijiet u lanqas dwar il-ħtieġa tal-attur li jipperċepixxi manteniment mingħand martu. Għaldaqstant din it-talba tar-rikorrent m'hix qed tiġi akkolta.

L-istess jingħad dwar l-allegazzjoni li l-intimata għandha fil-pussess tagħha oġġetti dotali u/jew parafernali tal-attur. Stante n-nuqqas ta' provi f'dan is-sens, din it-talba wkoll qed tiġi miċħuda.

Dwar it-talba għad-divorzju, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju u dana stante illi, oltre li l-partijiet ilhom de facto separati għal iktar minn sbatax-il sena, m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni tagħhom u m'hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi Sammut, bi ħtijiet imputabbli lill-intimata;

[2] Tiċħad it-tieni talba tar-rikorrenti;

[3] Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrenti;

[4] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti;

[5] Tilqa' limitatament il-ħames talba tar-rikorrenti billi tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet, iżda tiddikjara illi m'hemmx lok ta' likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti;

[6] Tiċħad is-sitt talba tar-rikorrenti;

[7] Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimata, b'dan illi l-attur għandu provviżorjament iħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.